# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar is-7 ta' Lulju 2021**

**Rikors Numru : 161/2021 JPG**

**Kawza Numru : 21**

**AC**

**U**

**SG**

## Il-Qorti;

Rat ir-rikors kongunt ta' AC u SG datat 19 ta' April 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi, l-partijiet izzewgu fl-erbgha u ghoxrin ta' Gunju tas-sena elfejn (24/06/2000) (certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala 'Dok A'), u minn dan iz-zwieg twieldet KC, detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-numru X, li llum ghandha Y;*

2. *Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Ian Spiteri sa mill-24 ta' Frar tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) (kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni hawn anness u mmarkat bhala 'Dok B');*

3. *Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom aktar minn ghaxar (10) snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata u indipendenti minn xulxin;*

4. *Illi AC qieghed jivversa lil SG s-somma ta' mitejn u hamsin Ewro (€250) fix-*

*xahar bhala manteniment ghall-minuri, u dan skont klawsola numru 7 tal-kuntratt ta' Separazzjoni, u li fil-konfront ta' xulxin, il-partijiet iddekadew minn kull dritt li jitolbu u/jew jircievu manteniment, u dan skont klawsola numru 6 tal-istess kuntratt;*

5. *Illi fic-cirkostanzi hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta);*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, il-partijiet umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgboha:*

1. *Tippronunzja d-divorzju, ossia l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien mholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jiehu l-passi kollha necessarji sabiex id-divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku, u dan ai termini tal-Artikolu 66A(4) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta).*

Rat id-digriet taghha datat 21 ta' April 2021;

Rat in-Nota kongunta tal-partijiet datata 3 ta' Gunju 2021 li permezz taghha ppresentaw l-affidavits taghhom, kif ukoll iddikjaraw il-provi maghluqa u stiednu l-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

Rat id-digriet taghha datat 4 ta' Gunju 2021;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**AC** xehed (vide affidavit fol 23) illi l-partijiet izzewgu nhar l-24 ta' Gunju 2000, u li min dan iz-zwieg kellhom tifla li ghadha minorenni. Sostna li ilhom sseparati de facto u jghixu separatament minn xulxin ghall-iktar minn ghaxar snin. Iddikjara illi ffirmaw kuntratt ta' separazzjoni nhar l-24 ta' Frar 2021 fl-atti tan-Nutar Dr. Ian Spiteri. Xehed illi ma hemm ebda possibilita' ta' rikonciljazzoni u li t-tnejn li huma ghandhom hajja ndipendenti minn xulxin. Xehed finalment illi ma hemm ebda kwistjonijiet pendenti bejniethom rigward il-manteniment.

**SG** xehdet (vide affidavit fol 24) u kkollaborat dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-24 ta' Gunju 2000, liema zwieg jgib c-certifikat numru 1046/2000 (vide Dok A, certifikat taz-zwieg, a fol 4). Minn dan iz-zwieg kellhom tifla li ghadha minnorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali nhar l-24 ta' Frar 2021 fl-atti tan-Nutar Dr Ian Spiteri (vide Dok B, a fol 5 et seqq.). izda ilhom jghixu separati de facto ghal dawn l-ahhar ghaxar snin, ghalhekk ilhom jghixu hajja separata minn xulxin ghal aktar zmien minn dak rikjest mil-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement pprovat li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. Di piu', ma hemm ebda pendenzi dwar manteniment dovut.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 1046/2000 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjes jkunu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**